MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2007

Numru. 265/2007

Il- Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)

-vs-

Jose Augusto de Miranda
Arnaud Jean Marcel Dewe’

Il- Qorti,

Rat l- akkuzja migjuba kontra l- imsemmija:

Jose Augusto de Miranda ta’ 22 sena iben Augusto w Marie de Fatima Nee’ Loureiro residenti Malta fil-Barlington Hotel, Paceville w detentur tal- karta ta’ l-identita’ Franciza bin- numru 0210952000466

U

Arnaud Jean Marcel Dewe’ ta’ 23 sena iben Alain w Patricia nee’ Pejot residenti f’ Malta il- Barlington Hotel Paceville w detentur tal- karta ta’ l- identita’ Franciza bin-numru 060195202705.

Akkuzati talli f’ dawn il- gzejjer, fil- lejl ta’ bejn id- 29 u t- 30 ta’ Lulju 2007 kellhom fil- pussess taghhom ir- raza mehuda mill- pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir- raza, u dan bi ksur tal- artikolu 8(a) tal- Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi proceduri sommarji u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni sa biex dawn il-proceduri jigu hekk trattati.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti fil-31 ta’ Lulju 2007 l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom anke wara li l-Qorti fissritilhom l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghthom zmien biex jahsbuha.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzati.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-imputati li hija wahda netta, kif ukoll l-ammissjoni ta’ l-imputati f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll f’l-istqarrija taghhom u l-kooperazzjoni taghhom mal-Pulizija. Tenut kont ta’ dan, u tal-kwantita ta’

droga li kellhom fil-pussess taghhom l-imputati, l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 8(a) kif ukoll l-artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’ l-imputazzjoni lilhom adebiti u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn (2) mill-llum.

Il-Qorti spejgat lill-hatja bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmlu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ sentejn.

In oltre il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebieta taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------